



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-388/11

Le Crédit Lyonnais

vs

Ministre du Budget, des Comptes publics et de la Réforme de l'État

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza))

“Taxxa fuq il-valur miżjud — Sitt Direttiva 77/388/KEE — Artikoli 17 u 19 — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Użu ta’ oġġetti u ta’ servizzi kemm għal tranżazzjonijiet taxxabli u għal tranżazzjonijiet eżentati — Tnaqqis proporzjonali — Kalkolu tal-proporzjon — Fergħat stabbiliti fi Stati Membri oħra u fi Stati Membri terzi — Nuqqas ta’ teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul mill-bejgħ tagħhom”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-12 ta’ Settembru 2013

1. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Tnaqqis proporzjonali — Persuna taxxabli li għandha stabbiliment fiss fi Stat Membru ieħor — Determinazzjoni tal-proporzjon ta’ tnaqqis li tiegħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq minn dan l-istabbiliment fiss — Inammissibbiltà*

(Direttiva tal-Kunsill 77/388, Artikoli 5(7)(a) u 6(3), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) u Artikolu 19(1))

2. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Tnaqqis proporzjonali — Persuna taxxabli li għandha stabbiliment fiss fi Stat Membru ieħor — Determinazzjoni tal-proporzjon ta’ tnaqqis li tiegħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq minn dan l-istabbiliment fiss — Inammissibbiltà*

(Direttiva tal-Kunsill 77/388, Artikoli 17(3)(a) u (c) u 19(1))

3. *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fiskali — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Leġiżlazzjoni nazzjonali li, għall-kalkolu tal-proporzjon ta’ tnaqqis skont is-settur ta’ attività ta’ kumpannija taxxabli, tipprovi li jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq minn stabbiliment fiss fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz — Inammissibbiltà*

(Direttiva tal-Kunsill 77/388, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5))

1. L-Artikoli 17(2) u (5), kif ukoll 19(1) tas-Sitt Direttiva 77/388, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, għad-determinazzjoni tal-proporzjon ta’ tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għaliha, kumpannija, li s-sede tagħha tinsab fi Stat Membru, ma tistax tiegħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq mill-fergħat tagħha stabbiliti fi Stati Membri oħra.

Fil-fatt, il-possibbiltà li persuna taxxabli tikkalkola l-proporzjon ta' tnaqqis applikabbli għas-sede tagħha stabbilita fi Stat Membru ddeterminat partikolari billi jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq mill-istabbilimenti fissi tagħha stabbiliti fi Stati Membri oħra ma hijiex tali li jiġi żgurat, fil-każijiet kollha, osservanza aħjar tal-prinċipju ta' newtralità tat-taxxa fuq il-valur miżjud minn sistema li ttiprovdi li persuna taxxabli għandha, f'kull Stat Membru li fih jista' jiġi kkunsidrat li għandha stabbiliment fiss fis-sens tas-Sitt Direttiva, tiddetermina proporzjon ta' tnaqqis separata.

Barra minn hekk, tali mod ta' determinazzjoni tal-proporzjon ta' tnaqqis applikabbli għas-sede ta' persuna taxxabli jkollu l-konsegwenza li żżid, għall-akkwisti kollha li l-imsemmija persuna taxxabli twettaq fl-Istat Membru li fih hija għandha s-sede tagħha, il-parti tat-taxxa fuq il-valur miżjud li l-imsemmija sede tista' tnaqqas minkejja li parti minn dawn l-akkwisti ma għandhom ebda rabta mal-attivitajiet tal-istabbilimenti fissi li jinsabu barra dan l-Istat. B'hekk, ikun hemm distorsjoni tal-valur ta' proporzjon ta' tnaqqis applikabbli.

Għal din ir-raġuni, tali mod li tiġi stabbilita l-proporzjon ta' tnaqqis jista' jippreġudika l-effettività tal-Artikoli 5(7)(a) u 6(3) tas-Sitt Direttiva li jagħtu ċerta setgħa diskrezzjonali lill-Istati Membri billi jimmitigaw l-effetti tal-għażliet magħmula minnhom fil-qasam tal-politika fiskali.

(ara l-punti 37-40 u d-dispożittiv 1)

2. L-Artikoli 17(3)(a) u (c) kif ukoll 19(1) tas-Sitt Direttiva, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, għad-determinazzjoni tal-proporzjon ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud applikabbli għaliha, kumpannija, li s-sede tagħha tinsab fi Stat Membru, ma tistax tiegħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq mill-fergħat tagħha stabbiliti fi Stati terzi.

Fil-fatt, is-sistema ta' tnaqqis hija bbażata fuq il-prinċipju tat-territorjalità tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u, meta persuna taxxabli għandha stabbiliment fiss fi Stat li ma jkunx dak li fih stabbilixxiet is-sede tagħha, l-attivitajiet ekonomiċi li twettaq f'dan l-Istat huma kkunsidrati, għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva, bħala li huma eżerċitati minn dan l-istabbiliment fiss.

Issa, la fil-preambolu għas-Sitt Direttiva u lanqas fid-dispożizzjonijiet tagħha ma jeżisti xi indizju li bih jista' jiġi konkluż li l-fatt li persuna taxxabli għandha stabbiliment fiss barra l-Unjoni jkun tali li jkollu effett fuq is-sistema ta' tnaqqis li l-imsemmija persuna taxxabli hija suġġetta għaliha fl-Istat Membru li fih tinsab is-sede tagħha.

(ara l-punti 42, 43, 49 u d-dispożittiv 2)

3. It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva 77/388, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lil Stat Membru li jadotta regola ta' kalkolu tal-proporzjon ta' tnaqqis skont is-settur ta' attività ta' kumpannija taxxabli li tawtorizza lil din tal-aħħar li tiegħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ imwettaq minn fergħa stabbilita fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz.

Fil-fatt, ir-riferiment fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tas-Sitt Direttiva għal "setturi ta' negozju [attività]", ma jistax jiġi interpretat bħala li jirreferi għal żoni ġeografiċi. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva, it-terminu "attivitajiet" jirreferi, fil-kuntest tas-Sitt Direttiva, għal tipi differenti ta' attivitajiet ekonomiċi bħall-attivitajiet ta' produttori, kummerċjanti u persuni li jipprovdu servizzi.

(ara l-punti 53, 54, 56 u d-dispożittiv 3)